MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1864/2002

**Dingli Co International Limited bhala Mandatrici tas-socjeta estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**Vs**

**G.M.K. Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' wiehed u hamsin lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm51.46), kwantu ghal Lm44.75 Royalty u Lm6.71 Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess Royalty dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja numru 011074 (Dok. A) rilaxxjata mis-socjeta attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Malata

Restaurant, Valletta ghall-perjodu mis-6 ta’ Jannar 2002 sal-5 ta’ Jannar 2003.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Semgha lill-Prokuratur Legali Josette Attard in rapprezentanza tas-socjeta attrici tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra d-dokumenti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta’ wiehed u hamsin lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm51.46) kif fuq spjegat, bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez [mhux inkluzi d-drittijiet legali] kollha huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**